"Isma' bil-ħaqq," staqsieha wara ftit "għax ma tiġix sad-dar għada? Jien għandi ħafna *essays* fuq awturi Maltin. Ejja ħudhom u żommhom għax ikunu jiswewlek mhux ftit!"

"Mela għada niġi," qaltlu t-tifla. "Isma' xi ftit noti fuq il-'Chemistry' m'għandekx, għid?" staqsietu wara li rranġat il-kotba.

"U xi ħaġa hemm żgur!" wieġeb ix-xwejjaħ. "Ara, int ejja u agħżel u ħu li jogħġbok!"

"Nannu dal-ktieb tajjeb?" staqsietu hi fil-waqt li wrietu ktieb. "Dan ġibtu mill-British Council." U newlithulu.

"*The Citadel* ta' Cronin," qal minn taħt l-ilsien. Imbagħad, "Dal-ktieb tajjeb ħafna. Ili li qrajtu u għadni nħobbu sal-lum. Dak l-ieħor x'inhu ta' ħdejh?" staqsieha.

"Dak ta' Cronin ukoll, aqta' kemm hu sabiħ!" weġbitu t-tifla.

"Int bħali," stqarrilha hu bi tbissima "lil Cronin kont inħobbu. Jien sejjer fit-tieqa tal-kamra l-oħra, jekk tkun trid xi ħaġa, ejja għidli, tajjeb?" qalilha x-xwejjaħ u telaq.

Minn fejn kien seta' jara n-nies herġin mill-knisja gzuz, gzuz, kollha qalbhom sewda. Dak il-ħin ftakar fi tfulitu . . .

Ħafna żmien qabel, meta kien għad kellu xi ħames snin kien mar iċ-ċimiterju ma' missieru u ma' zijuh. Ħdejn il-qabar ta' ħdejhom kien hemm xebba b'xi erbat ibniet magħha u dawn kienu qed jiċċajtaw. Missieru kien għajjat magħhom u dawk warrbu minn hemm miksurin.

Meta marru d-dar, missieru qabad igerger u jgħid kontra dawk ta' ħdejn il-qabar ta' ma' ġenb tagħhom. Tant kien medhi jaħseb li f'daqqa waħda għajjat "Pa!" . . .

Imma dik l-għajta swiet biss biex tqajmu minn ħsibijietu u hu reġa' sab ruħu mill-ġdid iħares mit-tieqa.

## QAWMIEN IR-REBBIEGHA

*Fit-trejqa hemm xbejba u ġuvni*
*Imgħannqa u jitbissmu flimkien,*
*F'għajnejhom id-dija ta' mħabba,*
*Imsaħħra bi ġmiel il-ħolqien.*

*Bħal ħolma sabiħa li tgħaxxaq,*
*Sabiħa dil-ħajja bla hemm,*
*Sultana r-Rebbiegħa titbissem*
*Itqanqal u tbaqbaq id-demm.*

*Is-siġar infexxu fil-weraq*
*W imtlew fi ftit ġranet bl-inwar,*
*Għax qamu mir-raqda xitwija*
*U ħadu saħħithom bi nhar.*

*L-għasafar ħabrieka fil-friegħi*
*Il-bejta qed jagħmlu benjin,*
*W jittajru ferrieħa fil-ġonna,*
*Jew jgħannu ġo djar il-bnedmin.*

T. Cini